MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 989/1995/2

**Avukat Dottor Joseph Zammit Mckean bhala rappresentant tas-socjeta Formosa & Camilleri Limited u din bhala agent Malta tas-socjeta assikuratrici estera Guardian Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta Magro Marketing Limited**

**vs**

**James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Gollcher Company Limited agenti Malta ta’ Grandi Navi Veloci spa, trasportaturi tal-merkanzija de qua, u b’nota tat-8 ta’ Frar 1996, Micheal Chetcuti assuma l-atti tal-kawza minnflok James u Karl Gollcher**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta Magro Marketing Limited ghamlet ordni ghall-importazzjoni mill-Italja ta’ konsenja ta’ prodotti tal-mercia li tghabbew f’container biex jigu trasportati ghall-vjagg lejn Malta mis-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa l-ewwel bit-triq u mbaghad bil-bahar (Dok A);

Illi fit-12 ta’ Ottubru 1994, waqt it-tragitt fit-triq, il-container safa’ derubat mil-kontenut tieghu fic-cirkostanzi li huma spejgati fl-anness Dok B liema serq gie debitament rapportat lill-awtoritajiet tal-pulizija fl-Italja kif jirrizulta mill-anness Dok C’;

Illi l-merkanzija derubata kienet assikurata mal-attur nomine, u ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta’ erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20) (Dok. D) u giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur;

Illi s-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa, rappresentata mill-konvenuti nomine, hija responsabbli ghall-imsemmi nuqqas (Dok E);

Illi kemm is-socjeta trasportatrici kif ukoll il-konvenuti nomine bhala agenti taghha ghalkemm interpellati, qed jichdu kull responsabita’ (Dok F sa H);

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-qorti m’ghandhiex:

1 tiddikjara responsabbli lis-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa li taghha l-konvenuti nomine huma l-agenti, ghan-nuqqas li garrab l-assikurat tal-attur nomine bhala konsgwenza tas-serq fuq riferit; u

2 tikkundannahom li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta’ erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20), in linea ta’ danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi legali mid-data tan-

notifika ta’ din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minnhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta nomine fejn gie eccepit:-

1 Illi fl-ewwel lok, s-socjeta konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur ghaliex ma tesisti l-ebda relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti u dan peress illi s-serqa tal-merkanzija in kwistjoni sehhet meta l-istess merkanzija ma kenitx ghadha fil-kura u pussess tas-socjeta Grandi Navi Veloci Spa. Infatti f’dan il-kaz l-istess socjeta estera qatt ma lahqet harget polza ta’ karigu proprju ghaliex il-merkanzija qatt ma giet konsejnata fil-kustodja taghha;

Illi waqt il-vjagg bit triq Genoa, il-merkanzija kienet fil-kustodja u pussess tas-socjeta estera General Car;

2 Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhumiex responsabbli ghad-danni reklamati mill- atturi u dan peress li din il-merkanzija ma waslitx fid-destinazzjoni taghha kawza ta’ cirkustanzi li dwarhom l-eccippjenti ma kellhom ebda kontroll dwarhom;

3 Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta li tista’ tigi determinata minn din il-Qorti hija limitata;

Rat id-dikjarzzjoni tas-socjetya konvenuta nomine debitament konfermata bil-guramenmt u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat is-sentenza taghha tat-28 ta’ Ottubru 1999 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti cioe’ dik rigwardanti l-legittimu kontradittur;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenbti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta assikuratrici attrici fic-citazzjoni tippremetti li s-socjeta Magro Marketing Limited kienet ser timporta mill-Italja konsenja ta' prodotti tal-mercia. Dawn il-prodotti tghabbew f'container biex jigu trasportati ghall-Malta mis-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa l-ewwel bit-triq u wara bil-bahar. Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li fit-12 ta' Ottubru 1994, waqt it-tragitt fit-triq, il-kontenut kollu tal-imsemmi container safa' misruq u l-istess serq gie debitament rapportat lill-awtoritajiet tal-pulizija fl-Italja. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li l-merkanzija in kwestjoni kienet assikurata u ghan-nuqqas li sofra l-importatur, l-istess socjeta attrici hallset is-somma ta' erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-istess importatur. Is-sopcjeta attrici tiuppretendi li s-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa, hi responsabbli ghall-imsemmi nuqqas. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa tigi dikjarata responsabbli ghan-nuqqas in kwestjoni li garrab l-assikurat tas-socjeta attrici u li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta attrici nomine;

Is-sopcjeta konvenuta, da parti taghha, qed teccepixxi li hi mhijiex il-legittimu kontradittur. Teccepixxi ukoll li hi mhux responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi peress li l-merkanzija ma waslitx fid-destinazzjoni taghha minhabba cirkustanzi li fuqhom is-socjeta konvenuta ma kellha l-ebda kontroll. Finalment teccepixxi li kwalunkwe responsabbilta li tista' tigi determinata hi limitata;

Bl-imsemmija sentenza tat-28 ta’ Ottubru 1999 giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u cioe’ dik rigwardanti l-legittimu kontradittur;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta Magro Marketing Limited kienet ser timporta mill-Italja konsenja ta’ prodotti ta’ xorb. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija socjeta importatrici inkarigat lis-socjeta konvenuta Gollcher sabiex l-imsemmija merkanzija tingarr mill-Italja ghall-Malta. Jirrizulta ukoll li fuq l-inkarigu tas-socjeta Gollcher kienet is-socjeta estera Grandi Navi li kienet ser tittrasporta fisikament il-merkanzija mill-imhazen f’Milan ghall-Malta. Jirrizulta li l-merkanzija giet debitament mghobbija. Inoltre jirrizulta li meta x-xufier tal-container waqaf jistrieh f’parking area ta’ restaurant sehhet is-serqa in kwestjoni cioe’ nsterqet il-merkanzija kollha in kwestjoni. Jirrizulta li din is-serqa giet debitament rapportata lill-Pulizija fl-Italja;

L-imsemmija importaturi ghamlu l-claim relattiva mas-socjeta attrici li kienet is-socjeta assikuratrici u din tal-ahhar hallset lis-socjeta importatrici is-somma ta’ erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20) ghan-nuqqassijiet relattivi. B’hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-dritttijiet kollha ta’ l-importaturi;

Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li mhux responsabbli ghad-danni reklamati peress li l-merkanzija ma waslitx fid-destinazzjoni taghha kawza ta’ cirkustanzi li fuqhom l-eccipjent ma kellhom ebda kontroll. Fl-opinjoni tal-Qorti din l-eccezzjoni ma tirrizultax sufficjentement pruvata. Is-socjeta estera li kienet inkarigata li tiehu hsieb it-trasport tal-merkanzija hi responsabbli ghall-azzjonijiet jew omissjonijiet ta dawk li tqabbdu biex isir l-istess garr tal-merkanzija u ma tistax semplicement tallega li seta kien hemm xi nuqqas minn xi hadd li tqabbad biex fisikament jghamel il-garr in kwestjoni. Ma jidhirx li fejn sehhet is-serqa in kwestjoni kien hemm xi ghassiesa. Jidher li effettivament incidenti simili kienu graw qabel fl-istess post fejn sehhet is-serqa. Jidher ghalhekk li t-trasportatur meta l-merkanzija kienet qieghda tingarr minnu, ma uzax diligenza sal-grad mitlub mill-ligi. Lanqas

ma jirrizulta li b'xi mod ir-responsabilita' tal-konvenuti kienet limitata;

In vista tal-premess l-eccezzjoniet li fadal tal-konvenuti jimmeritaw li jigu rigettati. Minn naha l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement poruvati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet li fadal tal-konvenuti u billi firt-tieni lok tilqa t-tabiet attrici u tiddikjara lis-socjeta estera Grandi Navi Veloci spa li taghha l-konvenuti nomine huma l-agenti, responsabbli ghan-nuqqas li garrab l-assikurat tal-attur nomine bhala konsgwenza tas-serq in kwestjoni u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm4147.20), in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-atturi u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenuti;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------